# Malta u Awstralja: żewġ gżejjer miġburin flimkien f'wirja tal-arti

Rita Muscat Galea, artista Maltija-Awstraljana li tgħix Melbourne, se tippreżenta kollezzjoni ta' pitturi riċenti bit-tema, *Malta u Awstralja,* fil-Palazz ta' Sant Anton, Ħ'Attard, mill-14 sal-24 ta' Ġunju, 2014, taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta.

Imwielda Ħal Qormi, f'Malta, missierha kien furnar u ommha mara tad-dar. Rita Muscat Galea dejjem kienet unika u individwalista fil-mod kif esperjenzat il-ħajja. Il-lat kreattivi tagħha ħareġ minn tfulitha permezz tal-mużika l-ewwel bil-kant f'festivals u kompetizzjonijiet madwar Malta, tgħallmet il-kitarra, u anki iddiżinjat il-ħwejjeġ tagħha stess.

Meta kellha 12-il sena beda l-imħabba għall-pittura taż-żejt meta n-nanna tagħha tagħtiha sett tal-arti. L-ewwel pitturi tagħha wrew ir-rabta tagħha mal-ilma u l-pajsaġġi tal-baħar.

Emigrat mal-familja lejn l-Awstralja meta kellha 16-il sena u dan mill-ewwel fakkarha fir-rabta tagħha mal-ilma u l-pajsaġġi Maltin.

Iżżewġet Malti mwieled l-Awstralja, għandha tlett it-tfal u bħal issa tgħix f'razzett f'Victoria, subborg ta' Melbourne. Qatt ma tilfet ix-xewqa biex tpitter u fetħet studju tagħha tal-arti (Muscart Art Studio and Gallery) fl-2008, fejn l-istudenti tagħha huma mħeġġa jesperimentaw b'diversi mezzi, u kemm arti tradizzjonali u moderna.

Dan hu l-ewwel darba li wriet ix-xogħol tagħha fil-pajjiż fejn twieldet wara li wriet ix-xogħol tagħha fiċ-Ċentru Malti f'Melbourne u waqt attivitajiet biex jinġabru l-fondi fil-komunità. Minn mindu telqet, ġiet iżżur Malta erba' darbiet.

"Qatt ma nieqaf niskanta bl-isbuħija u l-varjetà ta' pajsaġġi li Malta toffri. Kull darba li niġi hawn nieħu ħafna ritratti li, meta mmur lura fl-istudju tiegħi l-Awstralja, jgħinuna biex inpoġġi fuq it-tila dak li rajt u ħassejt hawnhekk," qalet Rita.

*Malta u Awstralja* hija wirja personali intima li turi kemm tħoss rabta kbira għall-gżira fejn twieldet u għal dik il-gżira fejn tgħix issa. Hemm 26 kwadru f'din il-wirja, fosthom still-lifes u dehriet tal-belt, xeni ta' ħdejn il-baħar u tal-portijiet ta' Valletta, Sydney u Melbourne, apparti mill-Bush Awstraljan. Ħafna mill-pitturi saru fl-arja miftuħa u b'hekk jispiraw il-qalb u l-immaġinazzjoni ta' min iħares lejhom.

Il-pitturi saru f'medja differenti, fosthom żejt fuq it-tila, żejt fuq bord u faħam fuq il-karta. Rita Muscat Galea dejjem ħadet gost bl-isfida li tpitter fuq medja differenti fi stili differenti – mir-realiżmu għall-impressjonismu, li tista' tesplora l-ħajja permezz tal-arti tagħha u l-arti fil-ħajja tagħha. Sikwit ix-xeni fil-pitturi tagħha jirriflettu burdata jew kif taħsibha u għalhekk joħroġu emozjonijiet qawwijin.

Malli din il-wirja tal-arti *Malta u Australia* tispiċċa, Rita Muscat Galea qed taħseb tpitter l-awtobijografija f'Malta fis-snin li ġejjin. L-artista għandha f'moħħha tippreżenta għotja lill-Fondazzjoni Maltija Klieb Gwida (MGDF) biex tgħinhom fil-missjoni tagħhom biex jagħtu taħriġ u għajnuna lil persuni neqsin mid-dawl, fosthom użu tal-bastun abjad, ħiliet ta' mobbilità u orjentament, u klieb gwida li jgħinuhom jinteraġixxu fl-ambjent tal kuljum, biex toħroġ l-idividwalità tagħhom u jiksbu l-indipendenza fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Il-ħinijiet tal-ftuħ tal-wija huma kuljum mid-9.30 a.m. sas-6 p.m.

– TMIEM –

**Captions:**



**Dgħajjes f'Marsalforn**



**Mountain view**



**Rita Muscat Galea**

